MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 188/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Gracie Micallef (I.D. 79468M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm855.24c) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 21694050 installat fil-fond 9, William Street, Cospicua.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fl-14 ta’ Marzu, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba b’ghoxrin lira Maltin (Lm20) stante pagament f’Marzu.

Sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm835.24c) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------